MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 700/2008

**Go p.l.c. (C22334)**

**vs**

**C & F Building Contrators Limited (C 15308)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Settembru 2008, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici li kienet topera qabel bhala Maltacom p.l.c. is-somma ta' hames mija u hamsa u tletin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€535.27) in konnessjoni ma' servizzi provduti skond fattura MC 03794. Illi interepellata diversi drabi sabiex thallas is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi jezisti arrangament bejn il-kontendenti rigward kontijiet pendenti peress illi s-socjeta' attrici hija debitrici tas-socjeta' konvenuta u ghaldaqstant in forza ta' dan il-ftehim u pendent ftehim ahhari dwar ammonti dovuti lis-socjeta' konvenuta s-socjeta' attrici ma kellha tinforza ebda kont jew bilanc ta' servizzi minnha rezi mis-socjeta' konvenuta;
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
Ra mill-atti illi kien hemm inverzjoni tal-provi.
Sema' x-xhieda ta' Mario Vella prodott mis-socjeta' konvenuta.
Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.
Ra l-atti kollha tal-kawza.
Ra x-xhieda ta' **Mario Vella**, *financial controller* tas-socjeta' konvenuta, li ddikjara illi s-socjeta' konvenuta taghmel xoghol ghas-socjeta' attrici u minhabba dan meta jigu biex jaghmlu l-kontijiet issir tpacija bejn l-ammonti dovuti tax-xoghol maghmul mis-socjeta' konvenuta u l-kontijiet tat-telefon li jkunu pendenti. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta tiehu *record* tal-kont tat-telefon pero ma thallsux. Iddikjara illi dan il-ftehim qatt ma sar bil-miktub. Ix-xhud ghamel riferenza ukoll ghal diversi korrispondenza bejn il-partijiet. Fis-seduta ta' nhar il-25 ta' Novembru 2009 ix-xhud spjega illi s-socjeta' konvenuta tifforma parti minn grupp ta' kumpaniji ta' F. Schembri Holdings Limited. Iddikjara ukoll illi l-ammontijiet bejn il-partijiet kienu jkunu kbar u li kien hemm diversi diskuzzjonijiet bejn il-partijiet. Kien umbaghad dahal fil-kwistjoni s-sur Joe Dimech f'Jannar 2009. Dan ta' l-ahhar kien ikkonferma illi l-interessi (circa €12,000) li Maltacom kienet qieghda ticcargja kienu ser jitnehhew mill-kont ghaliex fil-fatt s-socjeta' konvenuta ma ccargjatx interessi. Id-dejn imsemmi mix-xhieda kien jammonta ghal madwar €62,000 ghas-servizzi tat-telefon filwaqt illi dak tas-socjeta' attrici kien jammonta ghal madwar €74,000 u dawn id-djun kienu ghal pendenzi sa Dicembru 2008. Ix-xhud ikkonferma illi kien sar skambju ta' cekkijiet f' Marzu 2009, ghalhekk hu kien ta' cekk fl-ammont ta' €62,700 u Go plc tat cekk fl-ammont ta' €74,128.

Ra x-xhieda ta' **Joseph Dimech** *senior manager* tas-socjeta' attrici fid-dipartiment tal-*Credit Control.* Hu kkonferma illi kien hemm ftehim ghat-tpacija bejn F.Schembri Holdings Limited u Go p.l.c. fejn kien sar pagament ta' €62,732.44 li kien thallas lil Go plc. Il-kont tal-kawza odjerna (u cioe ta' C & F Building Contractors Limited) kien wiehed separat u ma kienx jifforma parti mill-ftehim. Hu kkonferma illi l-ftehim kien ghall-hlas tal-kontijiet ta' telefonija fissa. Ix-xhud ipprezenta il-*breakdow*n tal-kontijiet li gew pacuti (Ara Dok "JD1"). Zied illi l-kontijiet fejn ftehmu illi issir tpacija kienu jinkludu ukoll il-kontijiet tas-socjeta' konvenuta. Ix-xhud iddikjara illi l-ftehim tat-tpacija kien ghall-kontijiet li hemm indikati fl-ittra JD1 u l-kont in kwistjoni ma kellhiex x'taqsam mal-kontijiet li ftehmu fuqhom u dwar liema saret it-tpacija. Jispjega illi d-differenza bejn dawk il-kontijiet indikati u l-kont mertu ta' din il-kawza hija illi l-kontijiet li ghalihom saru l-ftehim kienu ta' telefonija fissa kif inhu indikat fl-ittra tieghu (Dok MV4 a fol 38) u elenkati f'dokument JD1, filwaqt illi dan il-kont ma kienx ghas-servizz ta' telefonija ta' linja fissa imma ghas-servizzi ohrajn u cioe "*installation u charges* ohra" li johorgu minn *accounting department* iehor. Ix-xhud irrefera ghad-dokument JD2 illi kienu ammonti illi ma kienux jaqaw taht il-ftehim. Zied ukoll illi l-ammont li gew pacuti kienu dawk li jaqaw taht l-accounting system Cerillion indikati f'dokument JD1 filwaqt illi dawk eskluzi u cioe dik tal-kawza odjerna kienu jaqaw taht sistema kompletatment differenti u ghalhekk din is-socjeta' konvenuta kellha djun ohra mhux inkluzi u li kienu jaqaw taht is-sistema Sun.

Ikkunsidra :

Din il-kawza tirrigwarda talba ghall-ammont ta' hames mija u hamsa u tletin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu ghall-kont a fol 4 tal-process fl-ammont mitejn u disgha u ghoxrin Liri Maltin u disgha u sebghin centezmi ghas-servizz ta' istallazzjoni ta' zewg linji tat-telefon fis-*sewage treatment plant* ta' Ghajnsielem u skond fattura ipprezentata mall-Avviz.

Illi kien hemm inverzjoni tal-provi ghaliex fl-eccezzjoniet is-socjeta' konvenuta ddikjarat illi jezisti arrangament bejn il-kontendenti rigward kontijiet pendenti peress illi s-socjeta' attrici hija ukoll debitrici tas-socjeta' konvenuta u

ghaldaqstant in forza ta' dan il-ftehim u pendenti ftehim ahhari dwar ammonti dovuti lis-socjeta' konvenuta, is-socjeta' attrici ma kellha tinforza ebda kont jew bilanc ta' servizzi minnha rezi mis-socjeta' konvenuta
Illi s-socjeta' konvenuta ma kkontestatx l-*invoice* per se imma l-fatt illi din it-talba attrici ma kellhiex issir minhabba l-fatt li kien hemm arrangament bejn il-partijiet rigward akkumulazzjoni ta' debiti bejniethom. Mill-provi jirrizulta illi huwa minnu illi l-partijiet kellhom tip ta' arrangament fejn ma kienux qeghdin jinforzaw ammonti kbar dovuti lilhom pero hareg ukoll illi l-partijiet kienu ukoll qeghdin jiddiskutu dwar kif ser jissaldu dawn id-debiti. F'dan il-kaz johrog mill-evidenza illi l-partijiet kienu wasslu fi ftehim biex jaqtaw l-ammonti kbar bejniethom u li fil-fatt kien sar skambju ta' cekkijiet fl-ammonti ta' €62,732.44 u €74,128.00. Illi mill-provi jirrizulta ukoll illi dawn id-djun kien sal-perjodu ta' Dicembru 2008 u li kien ghall-kontijiet tat-telefonija fissa.
Ghalhekk il-kwistjoni issa hi jekk l-ammont tal-kawza odjerna gietx inkluza f'dawn l-ammonti mhallsin. Johrog car illi l-ammont mhallas lil Go plc u cioe l-ammont ta' €62,732.44 huma dawk li huma indikati fl-ittra ta' Joe Dimech tal-21 ta' Jannar 2009 (Ara dok "MV4") u li kien kontijiet ta' telefonija fissa li jaqaw taht is-sistema ta' Cerellion. Dan ix-xhud ipprezenta elenku ta' dawn il-kontijiet f'dokument JD1. M'hemm ebda indikazzjoni mill-provi illi l-*invoice* tal-kawza odjerna dahlet f'dan il-ftehim anzi din thalliet il-barra (flimkien ma ohrajn) u ghalhekk johrog car illi dan il-kont kien gie eskluz mill-ftehim.
Mill-atti jirrizulta illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont iddikjarat fl-avviz (ara fattura MC03794), filwaqt li s-socjeta konvenuta ghalkemm uriet b'mod generali illi hemm diversi pendenzi bejn is-socjeta attrci u l-grupp ta' kumpaniji ta' F. Schembri Holdings Limited li s-socjeta' konvenuta tifforma parti minnha t-Tribunal ihoss illi ma gabitx prova cara bizzejjed illi kien hemm xi tip ta' arrangement illi l-partijiet ma kellhomx jiehdu azzjoni kontra xulxin fuq ammonti ohra dovuti lilhom.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talbiet

attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma hames mija u hamsa u tlettin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€535.27) bl-imghax legali mid-data tal-fattura. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------